MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Numru 9/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Anthony Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 9 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Anthony Bartolo, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-ghaxra (10) ta' Ottubru, elfejn u erba (2004) ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija (10 pm) go San Giljan, hdejn id-Dragonara, inqala incident bejn diversi zghazagh. Illi f'mument minnhom Anthony Bartolo beda jaghti b'mus lill-Darryl Luke Borg u Clint Mangion f'partijiet vitali ta'gisimhom u dana bil-hsieb li joqtol jew iqghedilhom hajjithom f'periklu car. Illi fil-fatt huma sofrew feriti gravi f'ghonqhom, izda li fortunatament ma ikkawzawx l- mewt.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Anthony Bartolo sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-

hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqastant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Anthony Bartolo hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht c- cirkostanzi indikati fl- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe San Giljan fl- 10 ta' Ottubru, 2004, ghall-habta tal-10 pm, Anthony Bartolo kellu fil-pussess tieghu mus b'xafra w bil-ponta minghajr id-debita licenzja tal- Kummisarju tal-Pulizija. B'din l-arma hu pprova joqtol lill-Darryl Luke Borg u Clint Mangion.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Anthony Bartolo sar hati talli minghajr licenzja tal-Kummisarju tal- Pulizija kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Anthony Bartolo hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil- ponta jew strument iehor bil-ponta.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' multa ta' mhux izjed min hamsin lira jew prigunerija ta' mhux izjed min tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 13(1) u 19 tal-Kap 66 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht c- cirkostanzi indikati fl- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe', San Giljan, fl- 10 ta' Ottubru, 2004, ghall-habta tal-10 pm, Anthony Bartolo b'mus sawwat lil Pierre Micallef u volontarjament ikkagunalhu feriti gravi f'idu li hallew sfregju.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Anthony Bartolo sar hati ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna w cioe' talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta'persuna ohra, b'dan illi l-offiza fuq il-persuna gabet mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Anthony Bartolo hati ta' offiza gravi fuq il-persuna u cioe' talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta'persuna ohra b'dan illi l-offiza fuq il-persuna gabet mankament jew sfregju fil- wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija min tlett xhur sa tlett snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215,216(1)(b) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat tas-26 ta' Frar, 2007, li biha eccepixxa illi l-kawza fil-proceduri fl-ismijiet premessi ma tistax tghaddi 'l quddiem fuq l-att tal-akkuza pprezentat stante li hemm difett fl-atti tal-kumpilazzjoni konsistenti fin-nuqqas tar-rapport tal-Pulizija, u dan ai termini tal-Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 t' Ottubru, 2007, li bih, wara li semghet it-trattazzjoni tad-difiza, ordnat lid-Deputat Registratur li jaghmel indagni ma l-Awla koncernata biex jivverifika jekk fdis-seduta tal-11 t' Ottubru, 2004 hemmx xi recording jew traskrizzjoni tal-qari u konferma bil-gurament tar-rapport.

Rat in-Nota tad-Deputat Registratur John Farrugia tad-9 ta' Novembru, 2007 li biha informa l-Qorti li b' riferenza ghall-verbal tad-19 t' Ottubru, 2007, illi mir-ricerki li ghamel ghat-*tape recording* tas-seduta tal-24 ta' Marzu, 2003, gie infurmat mis-Sur John Schembri, l-persuna inkarigata mit-tapes li jintuzaw fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), illi fuq ordnijiet lilu moghtija dawn it-tapes gew imhassra biex jergghu jintuzaw.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri in sostenn ta' din l-eccezzjoni li fis-sustanza huma s-segwenti w cioe' :- li f' dan il-kaz id-data tar-rapport hi t-12 t' Ottubru, 2004 meta s-seduta fil-fatt saret fil-11 t' Ottubru, 2004. Li l-prassi segwita mill-Qorti tal-Magistrati hija zbaljata ghaliex l-iter procedurali jibda' bir-rapport konfermnat bil-gurament. Ir-rapport bil-gurament ma jikkonsistix fil-qari tac'"charge" . Saret riferenza ghall-bran mill-monografija ta' Giuseppe Cremona "Raccolta sulla Giurisprudenza Penale" .

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli avukat Prosekutur li l-akkuzat qatt ma kkontesta il-mod kif saret il-konferma tar-rapport bil-gurament u li ic-citazzjoni tal-bran mill-Cremona isahhah il-kaz tal-prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi bhala fatt minn ezami tal-atti tal-Istruttorja jirrizulta li wara li gew registrati l-akkuzi kontra l-akkuzat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fit-**12** t' Ottubru, 2004, (fol. 1), stranament a fol. 5 hu verbalizzat li saret seduta fil-**11** t' Ottubru, 2004, fejn l-ewwel haga li saret skond il-prime note hi li :-

*"Xehed:* [recte "xehdu"] *Carmelo Magri u Geoffrey Azzopardi (Spetturi)*
*Fejn ipprezenta* [Recte: "ipprezentaw"] *qara* [Recte: "qraw"] *kkonferma* [Recte: "ikkonfermaw"] *w halef* [Recte:"halfu"] *c"charge sheet' taht Gurament fl-Awla."*

Wara mbaghad il-Qorti iddecidiet li kien hemm gustifikazzjoni ghall-arrest u sar l-ezami tal-akkuzat, saret talba ghall-liberta' provizorja li giet trattata w michuda u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-12 ta' Novembru, 2004.(fol.5)

A fol. 6 umbaghad bid-data tal-**11** t' Ottubru, 2004 hemm l-ezami tal-akkuzat fuq il-formola sterjotipata uzata mill-Qorti tal-Magistrati.

Ghalkemm id-differiment suppost li kien ghat-12 ta' Novembru, 2004 kif fuq registrat, l-ewwel prime note (fol. 8) jindikaw li l-kawza kompliet fis-27 t' Ottubru, 2004 , meta gie trattat u dibattut incident dwar nuqqas ta' provi tal-prosekuzzjoni f' dik is-seduta. (fols. 8 u 9).

Fid-29 t' Ottubru, 2004, beda l-gbir tal-provi fil-kumpilazzjoni kif jidher mill-verbali a fols 10 u 11 u l-atti sussegwenti. Fost ix-xiehda traskritti hemm dawk tal-ispetturi Carmel Magri (fols.12 et seq.) u Geoffrey Azzopardi fols. 28 et seq.) li xehdu dwar l-investigazzjonijiet li saru dwar il-kaz.

Illi mill-indagni li ordnat din il-Qorti tramite d-Deputat Registratur taghha ma nstabet ebda traskrizzjoni jew tape recording tal-konferma bil-gurament tar-rapport tal-ufficjal tal-Pulizija fl-awla koncernata.

Ikkonsidrat

Illi l-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment kif gej:-

*"L-att ta' l-akkuza ma jistax jigi attakkat minhabba difetti fl-atti tal-kumpilazzjoni, u l-akkuzat lanqas ma jista' jitlob li, minnhabba xi wiehed minn dawn id-difetti, il-kawza ma tghaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' l-akkuza, hlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport ta' l-ufficjal tal-Pulizija ……bla hsara dejjem tal-jedd ta' l-akkuzat u ta' l-Avukat Generali li jopponi li jingieb fil-kawza xi att li ma jkunx maghmul skond il-ligi, u li jkun irid jingieb sabiex bih issir xi prova."*

Illi mbaghad skond l-artikolu 390(1) tal-Kap.9 il-Qorti tal-Magistrat bhala Qorti Istruttorja trid :- *"tisma' r-rapport bil-gurament ta' l-ufficjal tal-Pulizija, tezamina, bla gurament, lill-imputat, u tisma' l-provi li jingiebu biex isahhu r-rapport. Kollox ghandu jitnizzel bil-miktub."*

Ikkonsidrat;

Jibda' biex jinghid li r-riferenzi li saru mid-difiza waqt it-trattazzjoni tal-eccezzjoni ghas-sentenzi **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Saviour Azzopardi et"** [13.7.2006], **"Regina vs. Carmelo Refalo"** (App. Krim. Superjuri - [12.2.75]) u ghall-bran mill-**Cremona** xejn ma jghinu biex tigi rizolta l-kwistjoni quddiem din il-Qorti f' din il-kawza. Fl-ewwel kawza din il-Qorti kienet annullat att t' akkuza minhabba difett fl-atti tal-istruttorja konsistenti fin-nuqqas tal-ezami tal-akkuzati. Fit-tieni kawza il-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) kienet iddecidiet li l-fatt li l-Magistrat jiffirma l-ezami tal-akkuzati *in capo* minnflok *in calce* ma jammontax ghal nuqqas tal-ezami tal-akkuzati u ergo ghan-nullita' tal-atti tal-inkwizitorja w konsegwentement ghan-nullita' ta' l-att ta' l-akkuza. Il-bran mill-Cremona ma jindirizzax il-kwistjoni "*ut sic"* lanqas.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubju li meta kienet ser tibda l-kumpilazzjoni, l-Ispetturi prosekuturi kienu kkonfermaw l-akkuzi bil-gurament. Dan jirrizulta espressament mill-verbal a fol. 5. Kif irriteniet fil-kawzi l-

ohra decizi fl-udjenza tal-lum u cioe' **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Gatt et"** u **"Ir-Reppublika ta' Malta vs. Owen Bonnici",** fil-fehma ta' din il-Qorti l-qari tal-akkuza bil-gurament mill-ufficjal tal-Pulizija li jkun qed jaghmel il-prosekuzzjoni jissodisfa l-vot tal-ligi kif mahsub fl-artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali. Din kienet dejjem il-prassi segwita fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja w cioe' li mal-prezentata bl-arrest (jew f' kazijiet fejn l-akkuzat jigi imsejjah biex jidher b' citazzjoni) li l-ewwel u qabel kollox jitla' fuq il-pedana tax-xhieda l-ufficjal prosekutur u jaqra '*verbatim'* l-akkuza jew akkuzi w jikkonfermhom bil-gurament. Dan hu r-*"rapport"* ghal-fini tal-ligi f' dan il-kontest w din il-Qorti ma taf bl-ebda forma ta' *"rapport"* iehor li tintuza f' dan l-istadju tal-process kriminali.

Illi hu minnu li, ghalkemm gie verbalizzat li din il-formalita' ritwalistika giet osservata, fl-atti tal-istruttorja ma hemmx it-traskrizzjoni ta' din il-konferma tal-akkuza bil-gurament mill-Ispetturi Magri w Azzopardi.

Pero' dan fil-fehma ta' din il-Qorti ma jammontax ghar-rekwizit ta' "**<u>nuqqas ghal kollox </u>**tar-rapport tal-ufficjal tal-Pulizija".

Illi kif fuq intqal gie espressament verbalizzat li z-zewg spetturi prosekuturi kienu ipprezentaw, qraw, ikkonfermaw u halfu c-'charge sheet' taht gurament fl-Awla w kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Martin J. Camilleri"** [20.1.1995] (per V. DeGaetano J.) meta ccitat verbatim minn sentenza ohra moghtija mill-Qorti diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Joseph Mohnani"** [28.4.1993], sia pure f' kuntest differenti minn dak mertu ta' din l-eccezzjoni, : *"il-Qorti ma tistax thares b' leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball."*

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, la darba gie espressament verbalizzat li l-ufficjali tal-pulizija ikkonfermaw c-*'charge sheet'* ossia l-akkuza bil-gurament, ma jirrizultax id-difett fl-atti tal-kumpilazzjoni li jista' jaghti

lok ghan-nullita' tal-att ta' l-akkuza odjern skond l-art. 597(4) tal-Kodici Kriminali w, konsegwentement, l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi w tichad l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u qed tiddifferixxi l-kawza *“sine die”,* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta’ xi appell eventwali.

Sadattant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li huwa llum ghar-rigward tal-liberta’ provvizorja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------